MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 495/2000/1

**Mary Genovese**

***Versus***

**Silvia Caruana mart Leonard Caruana u l-istess Leonard Caruana għal kull interess li jista' jkollu; Rita Sciriha mart Anthony u l-istess Anthony Sciriha għal kull interess li jista' jkollu; u Dr Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'dikriet tal-5 t'April 2000 inħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Philip Micallef, John Micallef u Carmela Micallef**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob ħlas ta' kumpens talli kienet taqdi lill-awtur tal-konvenuti.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet huma lkoll werrieta ta' Joseph Micallef, illi miet fl-24 ta' Jannar 2000. Għal dawn l-aħħar ħames snin l-attriċi kienet tirrendi serviġi lill-mejjet billi tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tiegħu kollha. Ta' dan hija tippretendi kumpens iżda l-konvenuti ma jridux iħallsuha.

Għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi hija għandha titħallas talli qdiet lill-awtur tal-konvenuti, u tillikwida l-ħlas li jistħoqqilha, tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attriċi qatt ma ipprestat serviġi lil Joseph Micallef; u

2. l-attriċi b'tolleranza għexet snin twal fid-dar ta' Joseph Micallef qabel miet bla ma ħallset xejn, u għadha tgħix hemm sallum; għalhekk huwa l-każ illi kien il-mejjet li ħa ħsiebha u mhux hi ħadet ħsiebu.

Il-kuraturi wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-attriċi hija bint Joseph Micallef. Joseph Micallef u martu Lucy kienu mifrudin. L-attriċi wkoll kienet infirdet minn żewġha fl-1992 u marret tgħix ma' ommha. Billi, iżda, ma kinitx taqbel wisq ma' ommha telqet wara ftit xhur u fl-1993 marret ma' wliedha toqgħod ma' missierha, u dan laqagħhom f'daru. L-attriċi tgħid illi meta marret ma' missierha kienet tieħu ħsiebu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, issajjarlu, tixtrilu, taħsillu u ddur bih. Biex setgħet tagħmel hekk, ma setgħetx toħroġ taħdem. Kien jagħtiha għaxar liri (Lm10) fil-ġimgħa biex tixtrilu l-ikel u l-mediċini, u fl-aħħar sena qabel miet kien jagħtiha ħmistax-il lira (Lm15) fil-ġimgħa. L-attriċi kienet tħallas id-dawl u l-ilma, it-*telephone*, il-*gas* u biex lil missierha tixtrilu l-gazzetti. Kienet ħallset ukoll biex tagħmel alterazzjonijiet strutturali li kienu meħtieġa fid-dar.

L-attriċi kienet ukoll xtrat karrozza u l-missier kien ħarġilha elf u erba' mitt lira (Lm1,400) bħala parti mill-prezz. L-attriċi tgħid illi minn dawn il-flus radditlu tmien mitt lira (Lm800), iżda l-konvenuti jgħidu li ma tatu xejn.

Il-konvenuti jiċħdu wkoll illi l-attriċi kienet tkun ma' missierhom erbgħa u għoxrin siegħa kuljum; anzi jgħidu illi l-attriċi kienet toħroġ u tiġi lura tard bil-lejl. Jiċħdu wkoll illi kienet tieħu ħsieb il-missier għax dan kien jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u baqa' indipendenti sa l-aħħar sena qabel miet. Jaqblu iżda illi l-attriċi kienet tieħu ħsieb ix-xiri, it-tisjir, il-ħasil, u d-dar.

Il-konvenuti jgħidu wkoll illi fl-aħħar ftit xhur ta' ħajtu l-missier kien ried illi l-attriċi titlaq mid-dar, iżda l-attriċi ma

telqitx. Fil-fatt kellu jitlaq il-missier, li fl-aħħar xhur ta' ħajtu kellu joqgħod ma' waħda mill-konvenuti wliedu flok joqgħod fid-dar tiegħu.
Wara li semgħet ix-xhieda tal-partijiet, il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi marret toqgħod ma' missierha aktar biex tinqeda hi, biex ikollha fejn toqgħod wara li nfirdet minn żewġha, milli biex taqdi lil missierha. Dan jixhdu ċar il-fatt illi baqgħet toqgħod fid-dar ta' missierha wkoll wara li missierha ma riedx aktar jilqagħha għandu. Tassew illi kienet taqdih billi taħsillu, issajjarlu, tixtrilu u żżommlu d-dar iżda hi kienet qiegħda tinqeda wkoll u, barra minn hekk, missierha kien ukoll igħaddilha xi flus.
Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma illi għandha ssir tpaċija bejn dak li l-attriċi għandha tieħu talli qdiet lil missierha u dak li ħadet billi nqdiet hi, u ma għandu jingħata xejn aktar lill-attriċi.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------